

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

11951/25

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0159(NLE)

LIMITE

PROBA 28
DEVGEN 134
FORETS 54
WTO 67
RELEX 1046

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħruġ tal-Unjoni Ewropea mill-Grupp
Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma (IRSG)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-ħruġ tal-Unjoni Ewropea
mill-Grupp Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma (IRSG)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,¹

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Grupp Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma (IRSG) ġie stabbilit fl-1944 wara li ntemmet l-Iskema Internazzjonali ta' Regolamenti tal-Gomma, li kienet ilha tiffunzjona mill-1934.
- (2) L-IRSG huwa organizzazzjoni intergovernattiva li l-għanijiet tiegħu huma li jipprovdi ċentru għal diskussjoni dwar problemi li jolqtu l-produzzjoni u l-konsum kif ukoll il-kummerċ ta' gomma naturali u sintentika, u biex jiġbor u jxerred informazzjoni statistika komprensiva dwar l-industrija globali tal-gomma.
- (3) L-attivitajiet tal-IRSG huma ffinanzjati prinċipalment mill-kontribuzzjonijiet tal-membri. Mill-baġit approvat, 60 % għandu jintlaħaq mill-kontribuzzjonijiet bażiċi mħallsa bħala ammonti uguali mill-membri kollha. Il-bilanċ ta' 40 % għandu jitħallas mill-membri bi proporzjon għall-medja tal-produzzjoni jew tal-konsum tagħhom (skont liema hu aktar) ta' gomma ġdida fit-tliet snin kalendarji preċedenti għas-sena finanzjarji inkwistjoni.

- (4) Il-Komunità Ewropea saret membru tal-IRSG permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/651/KE². Mill-1 ta' Lulju 2011, l-Unjoni biss hija membru tal-IRSG, peress li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni li qabel kienu membri tiegħu kienu nnotifikaw b'avviż formali ta' rtirar. Dan huwa rifless fil-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-IRSG, li l-Unjoni ffirmat u kkonkludiet permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/664/UE³ u 2012/283/UE⁴, rispettivament.
- (5) F'konformità mal-Artikolu XVI, il-paragrafu 3, tal-Kostituzzjoni tal-IRSG⁵, l'avviż tal-irtirar minn membru għandu jasal għand is-Segretarju Ġenerali bil-miktub sal-1 ta' Novembru biex ikun effettiv fit-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja sussegwenti u l-membri li javżaw wara l-1 ta' Novembru għandhom ikunu responsabbli għall-kontribuzzjonijiet tas-sħubija għas-sena finanzjara ta' wara.
- (6) F'dawn l-aħħar snin, l-IRSG ġie affettwat b'mod negattiv mill-irtirar ta' pajjiżi membri importanti. Għalhekk sar organizzazzjoni internazzjonali ta' rilevanza limitata u li qed tonqos. Is-sħubija attwali tal-IRSG tirrappreżenta biss madwar 10 % tal-produzzjoni dinjija u 25 % tal-konsum dinji tal-gomma naturali.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/651/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma (ĠU L 215, 10.8.2002, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2002/651/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/664/UE tat-12 ta' Settembru 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma (ĠU L 264, 8.10.2011, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/664/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/283/UE tal-24 ta' April 2012 dwar il-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tal-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma (ĠU L 141, 31.5.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/283/oj>).

⁵ ĠU L 264, 8.10.2011, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/statute/2011/1008/oj>.

- (7) Ix-xejra 'l isfel fir-rappreżentattività tal-IRSG x'aktarx li ma tinbidilx fil-futur.
- (8) Bħala konsegwenza tan-numru mnaqqas tal-membri, it-tnaqqis fir-riżervi tal-flus kontanti tal-IRSG u l-evoluzzjoni tar-rata tal-kambju EUR/SGD, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-IRSG hija sinifikanti u qed tiżdied.
- (9) Is-sħubija kontinwa tal-Unjoni f'organizzazzjoni intergovernattiva ta' rilevanza limitata u li qed tonqos tkun ineffiċjenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni tirtira mill-IRSG,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tirtira mill-Grupp Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...,

Għall-Kunsill

Il-President
